# LAQGĦA TAL-CORE GROUP TAL-MEUSAC

DAR IL-MEDITERRAN, IL-BELT
28 TA’ MEJJU 2010

## KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2010 – Żmien li tittieħed azzjoni

KUMM (2010) 135 finali

Joseph Fenech
Direttur
Direttorat għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea
Uffiċċju tal-Prim Ministru

## Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2010

- Komunikazzjoni adottata mill-Kummissjoni Ewropea fil-31 ta’ Marzu 2010 u maqsuma f’żewġ volumi
- Volum I – It-test proprju tal-Komunikazzjoni
- Volum 2 – Jinkludi lista ta’ inizjattivi strateġiċi u ta’ prijorita`; lista ta’ inizjattivi ta’ simplifikazzjoni; u lista ta’ proposti pendenti li se jiġu rtirati

# Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010

Komunikazzjoni mifruxa fuq sitt taqsimiet:

1. Introduzzjoni: Era Ġdida
2. L-iffaċċjar tal-kriżi u s-sostenn tal-ekonomija tas-suq soċjali tal-Ewropa
3. Aġenda taċ-ċittadini: in-nies fil-qalba tal-azzjoni Ewropea
4. L-aġenda esterna: Unjoni Ewropea koerenti u influwenti
5. L-immodernizzar tal-istrumenti tal-UE u mezzi ta' ħidma
6. Konklużjoni: nimxu 'il quddiem

# Introduzzjoni: era ġdida

- Il-kriżi li laqtet lill-Ewropa
- Tagħlima: l-Ewropa tista' tirnexxi dment li taġixxi kollettivament bħala Unjoni
- Għodod ġodda għall-UE wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona
- Il-ħidma tal-Kummissjoni ser tkun iffukata fuq 4 punti prinċipali

# Introduzzjoni: era ġdida

Enfasi fuq:

- L-iffaċċjar tal-kriżi u s-sostenn tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-Ewropa
- Il-bini ta' aġenda taċ-ċittadini li tpoġġi lin-nies fil-qalba tal-azzjoni Ewropea
- L-iżvilupp ta' aġenda esterna ambizzjuża u koerenti b'firxa globali
- L-immodernizzar tal-istrumenti u metodi ta' ħidma tal-UE

## L-iffaċċjar tal-kriżi u s-sostenn tal-ekonomija tas-suq soċjali tal-Ewropa

- L-ewwel att politiku tal-Kummissjoni l-ġdida – ressqet l-iStrateġija Ewropa 2020 – strateġija għal tkabbir prattiku, sostenibbli u inklussiv
- Fix-xhur li ġejjin se jittieħdu passi konkreti biex tiġi realizzata din l-istrateġija l-ġdida
- Tliet assi ewlenin għall-ħidma tal-Kummissjoni fl-2010

# Assi ewlenin għall-ħidma fl-2010

- Ħruġ mill-kriżi
- Tmexxija ‘il quddiem tal-inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020
- Iffaċċjar tal-ostakoli u t-tneħħija tal-lakuni tal-Ewropa

Risposti strateġiċi biex:

- Issaħħaħ is-sorveljanza u koordinazzjoni ekonomika u ttejjeb il-governanza fi ħdan iż-żona euro
- Tgħin lill-finanzi pubbliċi ħalli jerġgħu lura għal direzzjoni aktar sostenibbli
- Tassigura swieq finanzjarji stabbli u responsabbli għas-servizz tal-ekonomija usa

## Tmexxija ‘l quddiem tal-inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020

Passi konkreti biex tingħata aktar sostanza lill-inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020, permezz ta’ diversi Komunikazzjonijiet:

- “Aġenda diġitali għall-Ewropa”
- “Politika industrijali għal era globalizzata”
- “Pjan Ewropew għar-riċerka u l-innovazzjoni”

## Tmexxija 'l quddiem tal-inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020

- "Żgħażagħ fil-Mobbilta`"
- "Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda"
- "Pjattaforma Ewropea biex jiġi miġġieled il-faqar"
- Ser isir progress ukoll fuq il-ħidma dwar l-inizjattiva ewlenija "Ewropa li tagħmel użu effiċjenti tar-riżorsi"; matul l-2010 il-Kummissjoni ser tiffoka fuq 4 punti ewlenin f'dan il-qasam

## Tmexxija 'l quddiem tal-inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020

- Tiżviluppa l-viżjoni tagħha għat-transizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija bbażata fuq użu baxx ta' karbonju, użu effiċjenti tar-riżorsi u ekonomija li tkun reżiljenti għat-tibdil fil-klima sal-2050
- Taħdem biex tassigura li agrikoltura sostenibbli, produttiva u kompetittiva tkun tista' tagħmel kontribuzzjoni importanti fl-istrateġija Ewropa 2020
- Se tħejji riforma futura ta' politika ta' koeżjoni għat-twettieq ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, b'armonija mal-istrateġija Ewropa 2020
- Tħejji wkoll il-pedamenti għal riforma fundamentali tal-politika komuni tas-sajd u l-iżvilupp ta' Politika Marittima Integrata

## Iffaċċjar tal-ostakoli u t-tneħħija tal-lakuni tal-Ewropa

Numru ta' inizjattivi strateġiċi f'dan il-qasam:

- Komunikazzjoni dwar it-tnedija mill-ġdid tas-suq uniku
- Regolament dwar ir-rekwiżiti ta' traduzzjoni għall-privattiv tal-UE futur
- 'White paper' dwar it-trasport
- Pakkett dwar l-infrastruttura tal-enerġija

## Aġenda taċ-ċittadini: in-nies fil-qalba tal-azzjoni Ewropea

- Bini ta’ Ewropa għaċ-ċittadin
- Biex ikollna żgur Ewropa miftuħa u sikura
- Indirizzar ta’ sfidi soċjali għal perjodu twil

# Bini ta' Ewropa għaċ-ċittadin

- Diġa` ttieħdet azzjoni dwar il-proposta li tistabbilixxi "inizjattiva taċ-ċittadini"
- Ser tiġi ppreżentata Komunikazzjoni dwar il-politika tad-drittijiet fundamentali tal-UE
- Proposta dwar il-ġurisdizzjoni u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali
- Proposta biex tirrevedi d-Direttiva dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol
- L-iżvilupp ta' żona ġudizzjarja Ewropea, inklużi qafas ta' referenza għad-dritt kuntrattwali, u l-analiżi ta' ostakoli għal moviment ħieles taċ-ċittadini

# Biex ikollna żgur Ewropa miftuħa u sikura

Il-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma ser ikopri speċjalment oqsma bħal:

- Il-ġlieda kontra l-kriminalita` organizzata, it-terroriżmu u theddid ieħor permezz ta' kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja mtejba, inkluża strateġija ta' sigurta` interna tal-UE
- Iffukar fuq l-integrazzjoni tal-popolazzjoni tal-immigranti filwaqt li tiġi indirizzata l-immigrazzjoni llegali u tittejjeb l-amministrazzjoni tal-fluss tal-immigrazzjoni

# Indirizzar ta' sfidi soċjali għal perjodu twil

Ħidma fuq il-kwistjonijiet segwenti:

- Il-ġejjieni tal-pensjonijiet – preżentazzjoni ta' 'Green Paper'
- Żvilupp tal-politiki tal-immigrazzjoni llegali biex jittaffew l-pressjonijiet tat-tixjiħ demografiku u tissaħħaħ il-kompetittivita` tal-Ewropa
- Komunikazzjoni dwar strateġija ta' bijodiversita` tal-UE ġdida
- Komunikazzjoni dwar il-kapaċita` għar-rispons għal diżastri tal-UE

## L-aġenda esterna: Unjoni Ewropea koerenti u influwenti

- Rappreżentazzjoni esterna b'saħħitha u koerenti – l-UE bħala parteċipant globali (tibdil wara t-Trattat ta' Lisbona, eż. il-kariga ta' Rappreżentant Għoli, it-twaqqif tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna)
- Approfondiment tal-aġenda tal-kummerċ tal-Ewropa (inkluż Komunikazzjoni ġdida li tistabbilixxi strateġija ta' kummerċ għall-istrateġija Ewropa 2020)

# Realizzazzjoni ta’ politiki tal-UE dwar il-viċinat, tkabbir u żvilupp

- Responsabbilta` partikolari għall-promozzjoni tal-liberta`, stabbilta` u prosperita` fil-viċinat tal-Ewropa
- Impenn biex ikompli jitmexxa l-proċess ta’ tkabbir
- Segwitu ta’ l-aġenda ta’ żvilupp internazzjonali

## L-immodernizzar tal-istrumenti tal-UE u mezzi ta' ħidma

- Regolament prattiku – l-iżgurar li l-politiki huma effiċjenti
- Nikkomunikaw mal-Ewropa
- Adattament tal-qafas finanzjarju tal-UE biex iservi l-prijoritajiet tal-politika

## Regolament prattiku – l-iżgurar li l-politiki huma effiċjenti

- Valutazzjoni tal-impatt
- Evalwazzjoni ex-post u kontrolli regolatorji
- Simplifikazzjoni, tnaqqis ta' piż amministrattiv u rtirar
- Implimentazzjoni

# Nikkomunikaw mal-Ewropa

- Attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni ġenerali

  Enfasi fuq 3 prijoritajiet ta' komunikazzjoni konġunti:
- It-tmexxija 'l quddiem tal-irkupru ekonomiku u l-implimentazzjoni ta' sorsi ġodda ta' tkabbir
- Azzjoni dwar il-klima u l-enerġija
- It-Trattat ta' Lisbona jibda jaħdem għaċ-ċittadini

## Adattament tal-qafas finanzjarju tal-UE biex iservi l-prijoritajiet tal-politika

- Reviżjoni tal-Baġit
- Direzzjoni futura tal-politiki ta' nfiq tal-UE ewlenin
- Riflessjoni dwar l-istrumenti eżistenti għall-iżvilupp ekonomiku
- Titjib fit-tmexxija finanzjarja soda
- Riflessjoni dwar il-ġejjieni tal-OLAF

# Konklużjoni: nimxu 'l quddiem

- Kull sena ser ikun rivedut il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni

- Ħidma mill-qrib mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kif ukoll mal-partijiet kollha kkonċernati

# Pożizzjoni tal-Gvern Malti

- Fuq nota ġenerali, il-Gvern jilqa' din il-Komunikazzjoni dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010, u jħares 'il quddiem lejn is-sehem attiv tiegħu fid-diskussjonijiet fuq l-inizjattivi differenti msemmija

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010

- Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
- L-UE tista' tassumi rwol ewlieni fuq livell internazzjonali
- Aġenda esterna ambizzjuża u koerenti

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010

- Enfasi fuq Regolament prattiku ('Smart regulation')
- Pożittiv li inizjattivi li jittieħdu fuq livell Ewropew ikunu proporzjonati fl-ambitu u n-natura tagħhom
- L-iżgurar li l-politiki huma effiċjenti ("fitness checks")

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010

- Qbil ġenerali mal-prijoritajiet tal-istrateġija Ewropa 2020
- Xi riżervi dwar ċerti 'headline targets' fl-istrateġija Ewropa 2020; importanti li jittieħed kont tal-punti ta' tluq u l-ispeċifiċitajiet differenti tal-Istati Membri

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010

- Inizjattivi fil-qasam edukattiv u dak taż-żgħażagħ
- Riżervi dwar inizjattivi tal-Kummissjoni favur sistema ta' 'ranking' għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010

- Sena Ewropea tal-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)

- Inizjattivi biex jiġi miġġieled il-faqar għandhom jibnu fuq dak li ser joħroġ minn din is-Sena Ewropea

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010

- Il-Ħames Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali
- Il-politika tal-futur f'dan il-qasam: proċeduri li huma simplifikati, 'streamlined' u jieħdu kont tad-diskussjonijiet li kien hemm fuq diversi temi importanti eż. proporzjonalita`

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar
# il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010

- Fl-aħħarnett, il-Gvern iħeġġeġ diskussjoni bikrija fuq il-diversi proposti differenti bejn l-iStati Membri u jappella sabiex meta jkunu qed jiġu diskussi miżuri li jridu jittieħdu direttament mill-iStati Membri, is-sitwazzjonijiet speċifiċi u partikolari ta' kull Stat Membru individwali għandhom ikunu kkunsidrati